

Linji Gwida



Il-Linji Gwida 05/2021 dwar l-Interazzjoni bejn l-applikazzjoni tal-Artikolu 3 u d-dispożizzjonijiet dwar it-trasferimenti internazzjonali skont il-Kapitolu V tal-GDPR

Verżjoni 2.0

Adottati fl-14 ta' Frar 2023

Translations proofread by EDPB Members.

This language version has not yet been proofread.

Rekord tal-verżjonijiet

Verżjoni 2.0	14 02 2023	Adozzjoni tal-Linji Gwida wara konsultazzjoni pubblika
Verżjoni 1.0	18 11 2021	Adozzjoni tal-Linji Gwida għal konsultazzjoni pubblika

SOMMARJU EŻEKUTTIV

Ii-GDPR ma jipprevedix definizzjoni legali tal-kunċett ta' "trasferiment ta' *data personali* lejn pajjiż terz jew organizzazzjoni internazzjonali". Għalhekk, I-EDPB jiprovd dawn il-linji gwida biex jikkjarifika xenarji li għalihom iqis li għandhom jiġu applikat ir-rekwizitit tal-Kapitolu V u, għal dak il-għan, identifika tliet kriterji kumulattivi biex operazzjoni ta' pproċessar tikkwalifika bħala trasferiment:

- 1) Kontrollur jew proċessur ("esportatur") huwa soġġett għall-GDPR għall-ipproċessar partikolari.
- 2) L-esportatur jiżvela permezz ta' trażmissjoni jew inkella jagħmel id-*data* personali, soġġetta għal dan l-iproċessar, disponibbli għal kontrollur, kontrollur konġunt jew proċessur ieħor ("importatur").
- 3) L-importatur huwa f'pajjiż terz, irrispettivament minn jekk dan l-importatur huwiex soġġett għall-GDPR għall-ipproċessar partikolari f'konformità mal-Artikolu 3, jew huwiex organizzazzjoni internazzjonali.

Jekk jiġu ssodisfati t-tliet kriterji kif identifikati mill-EDPB, ikun hemm trasferiment u jkun applikabbli l-Kapitolu V tal-GDPR. Dan ifisser li t-trasferiment jista' jsir biss taħt ċerti kundizzjonijiet, bħal fil-kuntest ta' deċiżjoni ta' adegwatezza mill-Kummissjoni Ewropea (l-Artikolu 45) jew billi jiġu pprovduti salvagħwardji xierqa (l-Artikolu 46). Id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu V għandhom l-ġhan li jiżguraw il-protezzjoni kontinwata tad-*data* personali wara li tkun ġiet ittraferita lejn pajjiż terz jew organizzazzjoni internazzjonali.

Min-naħħa l-oħra, jekk it-tliet kriterji ma jiġux issodisfati, ma jkun hemm l-ebda trasferiment u l-Kapitolu V tal-GDPR ma jaapplikax. Madankollu, f'dan il-kuntest, huwa importanti li jiġi mfakkar li l-kontrollur xorta waħda jrid jikkonforma mad-dispożizzjonijiet l-oħra tal-GDPR u jibqa' kompletament responsabbli għall-attivitajiet ta' pproċessar tiegħu, irrispettivament minn fejn iseħħu. Tabilħaqq, għalkemm ċerta trażmissjoni tad-*data* tista' ma tikkwalifikax bħala trasferiment skont il-Kapitolu V, tali pproċessar xorta jista' jkun assoċċjat ma' riskji akbar peress li jseħħ barra mill-UE, pereżempju minħabba li ġiġi nazzjonali kunfliegħenti jew aċċess sproporzjonat tal-gvern fil-pajjiż terz. Dawn ir-riskji jeħtieġ li jiġi ukkunsidrati meta jittieħdu miżuri skont, *fost l-oħrajn*, l-Artikolu 5 ("Prinċipji relatati mal-ipproċessar ta' *data personali*"), l-Artikolu 24 ("Responsabilità tal-kontrollur") u l-Artikolu 32 ("Sigurtà tal-ipproċessar") – sabiex tali operazzjoni ta' pproċessar tkun legali skont il-GDPR.

Dawn il-linji gwida jinkludu diversi eżempji ta' flussi ta' *data* lejn pajjiżi terzi, li huma murija wkoll f'Anness sabiex tiġi pprovduta gwida prattika ulterjuri.

Werrej

Sommarju eżekuttiv	3
1 Introduzzjoni.....	5
2 Kriterji biex operazzjoni ta' pproċessar tikkwalifika bħala trasferiment ta' <i>data</i> personali lejn pajjiż terz jew organizzazzjoni internazzjonali.....	6
2.1 Kontrollur jew proċessur (“esportatur”) huwa soġġett għall-GDPR għall-ipproċessar partikolari	7
2.2 L-esportatur jiżvela permezz ta’ trażmissjoni jew inkella jagħmel id- <i>data</i> personali, soġġetta għal dan l-ipproċessar, disponibbli għal kontrollur, kontrollur konġunt, jew proċessur ieħor (“importatur”)......	8
2.3 L-importatur huwa f’pajjiż terz, irrispettivament minn jekk dan l-importatur huwiex soġġett għall-GDPR għall-ipproċessar partikolari f’konformità mal-Artikolu 3, jew huwiex organizzazzjoni internazzjonali	12
3 Konsegwenzi f’każ li jseħħi trasferiment ta’ <i>data</i> personali.....	13
4 Salvagwardji li jridu jiġu pprovduti jekk id- <i>data</i> personali tiġi pproċessata barra miż-ŻEE iżda ma jseħħi l-ebda trasferiment.....	15
Anness: Illustrazzjonijiet tal-Eżempji 1-12	17

Il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data

Wara li kkunsidra l-Artikolu 70(1)(e) tar-Regolament 2016/679/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE, (minn hawn 'il quddiem il-“GDPR” jew ir-“Regolament”),

Wara li kkunsidra l-Ftehim ŻEE u b'mod partikolari l-Anness XI u l-Protokoll 37 tiegħu, kif emendati bid-Deċiżjoni tal-Kumitat konġunt taż-ŻEE Nru 154/2018 tas-6 ta' Lulju 2018,¹

Wara li kkunsidra l-Artikolu 12 u l-Artikolu 22 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

ADOTTA L-LINJI GWIDA LI ĠEJJIN:

1 INTRODUZZJONI

1. Skont l-Artikolu 44 tal-GDPR,² il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Kapitolu V tiegħu għandhom jaapplikaw għal kwalunkwe “trasferment ta’ *data* personali li tkun qed tiġi pproċessata jew hija maħsuba li tiġi pproċessata wara trasferment lejn pajjiż terz jew lejn organizzazzjoni internazzjonali”³. L-għanġenerali tal-Kapitolu V huwa li jiġi żgurat li l-livell ta’ protezzjoni garantit mill-GDPR ma jiddgħajjifx meta d-*data* personali tiġi ttrasferita “lejn pajjiżi terzi jew lejn organizzazzjonijiet internazzjonali”⁴.
2. Għalhekk, id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu V għandhom l-għan li jiżguraw il-protezzjoni kontinwata tad-*data* personali wara litkun ġiet ittrasferita lejn pajjiż terz jew lejn organizzazzjoni internazzjonali. Meta d-*data* personali tiġi pproċessata fl-UE, din tkun protetta mhux biss mir-regoli fil-GDPR iżda wkoll minn regoli oħra, kemm fil-livell tal-UE kif ukoll fil-livell tal-Istati Membri, li jridu jkunu konformi mal-GDPR (inklużi d-derogi possibbli fih) u fl-aħħar mill-aħħar mal-Karta tal-UE dwar id-Drittijiet u l-Libertajiet Fundamentali. Meta *data* personali tiġi trażmessha jew issir disponibbli għal entitajiet barra mit-territorju tal-UE jew għal organizzazzjonijiet internazzjonali, il-livell ta’ protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet tal-individwi x’aktarxi li ma jkunx essenzjalment ekwivalenti għal dak mogħti mill-qafas legali ġenerali pprovdut fl-Unjoni.
3. Il-kontinwità tal-protezzjoni tista’ tiġi żgurata b’modi differenti, bħall-qafas legali ta’ pajjiż terz jew organizzazzjoni internazzjonali li tibbenneha minn deċiżjoni ta’ adegwatezza mill-Kummissjoni

¹ Referenzi għal “UE” u “Stati Membri” magħmulu tul dan id-dokument għandhom jinfiehem bħala referenzi għal “ŻEE” u “Stati Membri taż-ŻEE” rispettivament.

² “Kwalunkwe trasferment ta’ *data* personali li tkun qed tiġi pproċessata jew li hija maħsuba li tiġi pproċessata wara trasferment lejn pajjiż terz jew lejn organizzazzjoni internazzjonali għandu jseħħi biss jekk, soġġett għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta’ dan ir-Regolament, il-kontrollur u l-proċessur ikunu f’konformità mal-kundizzjonijiet stipulati f’dan il-Kapitolu, inkluż għal trasferimenti ulterjuri ta’ *data* personali mill-pajjiż terz jew minn organizzazzjoni internazzjonali lejn pajjiż terzi eħor jew lejn organizzazzjoni internazzjonali oħra.”

³ “Organizzazzjoni internazzjonali” tħalli organizzazzjoni u l-korpi subordinati tagħha regolati mid-dritt internazzjonali pubbliku, jew kwalunkwe korp ieħor li jiġi stabbilit bi ftehim bejn żewġ pajjiżi jew aktar, jew abbażi tiegħu.

⁴ Minbarra l-Premessa 101, dan huwa enfasizzat b'mod partikolari mit-tieni sentenza tal-Artikolu 44 li taqra: “Id-dispożizzjonijiet kollha f’dan il-Kapitolu għandhom jiġu applikati sabiex jiġi żgurat li ma jgħandux jiddgħajjif il-livell ta’ protezzjoni tal-persuni fiziċċi għgarantit mi nn dan ir-Regolament.”

Ewropea (l-Artikolu 45) jew minn strument bejn l-esportatur tad-data u l-importatur li jipprevedi salvagwardji xierqa (l-Artikolu 46)⁵. Meta jiġi invokat wieħed mill-strumenti ta' trasferment elenkti fl-Artikolu 46 tal-GDPR, irid jiġi wwalutat jekk dawn jiżgurawx livell ta' protezzjoni tad-data ttrasferita li huwa essenzjalment ekwivalenti għal dak garantit fl-UE jew jekk hemmx bżonn li jiġi implementati miżuri supplimentari⁶.

4. Meta kontrollur jew proċessur jittrasferixxi d-data lil importatur f'pajjiż terz li l-ipproċessar tiegħu jaqa' taħt l-Artikolu 3(2) tal-GDPR, il-protezzjoni pprovuta mill-GDPR tista' tiddgħajnej bl-istess mod mill-qafas legali li japplika għall-importatur. Dan jista' pereżempju jkun il-każ meta l-pajjiż terz ikollu regoli dwar l-aċċess tal-gvern għal data personali li jmorru lil hinn minn dak li huwa meħtieġ u proporzjonat f'soċjetà demokratika (biex jiġi ssalvagwardjat wieħed mill-objettivi importanti kif rikonoxxuti wkoll fil-liġi tal-Unjoni jew tal-Istati Membri, bħal dawk elenkti fl-Artikolu 23(1) tal-GDPR). Id-dispożizzjonijiet fil-Kapitolu V huma stabbiliti biex jikkumpensaw għal dan ir-riskju u biex jikkomplementaw il-kamp ta' applikazzjoni territorjali tal-GDPR kif definit mill-Artikolu 3.
5. It-taqsimiet li ġejjin għandhom l-għan li jikkjarifikaw din l-interazzjoni bejn l-Artikolu 3 u d-dispożizzjonijiet tal-GDPR dwar it-trasferimenti internazzjonali fil-Kapitolu V. L-iskop huwa li jassistu lill-kontrolluri u lill-proċessuri jidtentifikaw jekk operazzjoni ta' pproċessar tikkostitwixx trasferment lejn pajjiż terz jew organizzazzjoni internazzjonali u, b'rезультат ta' dan, jekk għandhomx jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu V tal-GDPR. Din il-kjarifika hija importanti wkoll għall-interpretażżjoni u għall-applikazzjoni konsistenti tal-GDPR mill-awtoritajiet superviżorji.
6. Fi kwalunkwe każ, u kif spiegat f'aktar dettall fit-TaqSIMA 4, huwa importanti li wieħed iżomm f'moħħu li għalkemm ċertu fluss ta' data soġġett għall-Artikolu 3 mhux dejjem jista' jikkostitwixx trasferment skont il-Kapitolu V, l-ipproċessar ta' data barra l-UE xorta jista' jkun assoċjat ma' riskji akbar li għalihom iridu jiġi previsti salvagwardji. Irrispettivament minn jekk l-ipproċessar iseħħix fl-UE jew le, il-kontrolluri u l-proċessuri soġġetti għall-GDPR għal ipproċessar partikolari dejjem iridu jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet rilevanti kollha tal-GDPR, bħall-obbligu tal-Artikolu 32 li jiġi implementati miżuri tekniċi u organizzattivi filwaqt li jitqiesu, fost l-oħrajn, ir-riskji fir-rigward tal-ipproċessar.

2 KRITERJI BIEX OPERAZZJONI TA' PPROċESSAR TIKK WALIFIKA BĦALA TRASFERIMENT TA' DATA PERSONALI LEJN PAJJIŻ TERZ JEW ORGANIZZAZZJONI INTERNAZZJONALI

7. Il-GDPR ma jipprevedix definizzjoni legali tal-kunċett ta' "trasferment ta' data personali lejn pajjiżi terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali"⁷ u l-ġurisprudenza rilevanti hija limitata⁸. In-nuqqas ta'

⁵ Meta l-kontinwità tal-protezzjoni ma tkunx tista' tiġi żgurata bl-strument ta' trasferment użat, pereżempju jekk deċiżjoni ta' adegwatezza skont l-Artikolu 45 tiġi revokata, mekkaniżmu ta' ċertifikazzjoni skont l-Artikolu 46(2)(f) ma jkunx għadu validu jew il-miżuri supplimentari adottati ma jkunux effettivi jew ma jkunux għadhom effettivi, iridu jittieħdu miżuri sabiex jiġi evitat li l-livell ta' protezzjoni jiiddgħajnej u sabiex jiġi żgurat li l-ipproċessar inkwistjoni jkun legali, eż. iridu jiġi stabbiliti għodod oħra ta' trasferment u/jew miżuri supplimentari effettivi.

⁶ Ara r-Rakkmandazzjonijiet 01/2020 tal-EDPB dwar miżuri li jissupplimentaw l-għodod ta' trasferment biex tiġi żgurata l-konformità mal-livell tal-UE ta' protezzjoni tad-data personali, ir-Rakkmandazzjonijiet 02/2020 tal-EDPB dwar il-Garanziji Essenzjali Ewropej għall-miżuri ta' sorveljanza u s-sentenza tal-QGħUE tas-16 ta' Lulju 2020, Data Protection Commissioner vs Facebook Ireland Limited u Maximilian Schrems, C-311/18, EU:C:2020:559.

⁷ L-Artikolu 44(1).

⁸ Bħas-sentenza tal-QGħUE tas-6 ta' Novembru 2003, Bodil Lindqvist, C-101/01, EU:C:2003:596 li skontha, trasferment huwa operazzjoni ta' pproċessar u ma hemm l-ebda trasferment lejn pajjiż terz, skont id-Direttiva 95/46 preċedenti, meta d-data tiġi ppubblikata fuq sit web maħżun ma' fornitur ta' hosting stabbilit fl-UE.

definizzjoni ta' trasferiment fil-GDPR iwassal għal inċertezza legali dwar il-kamp ta' applikazzjoni preċiż tal-obbligi li jirriżultaw mill-Kapitolo V u l-interazzjoni bejn l-Artikolu 3 u l-Kapitolo V. Għalhekk huwa essenzjali li dan il-kunċett jiġi ċċarat.

8. Meta jitqies li l-EDPB, skont l-Artikolu 70(1)(b) tal-GDPR, għandu l-kompli li jagħti pariri lill-Kummissjoni Ewropea dwar kwalunkwe kwistjoni relatata mal-protezzjoni tad-data personali fl-Unjoni, inkluż dwar kwalunkwe aspett tar-Regolament li huwa jqis li jeħtieġ kjarifika ulterjuri, l-EDPB jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tagħti attenzjoni partikolari lil din il-kwistjoni fil-kuntest tar-rapport dwar l-evalwazzjoni u r-rieżami tal-GDPR skont l-Artikolu 97.
9. Fi kwalunkwe każ, meta jitqies li l-Artikolu 70(1)(e) tal-GDPR jistabbilixxi l-kompli għall-EDPB li joħroġ linji gwida, rakkmandazzjonijiet u l-aħjar prattiki sabiex jinkora ġġixxi l-applikazzjoni konsistenti ta' dan ir-Regolament, l-EDPB jipprovd din il-għida biex jikkjarifika x-xenarji li għalihom iqis li għandhom jiġu applikati r-rekwiżiti tal-Kapitolo V. Għal dak il-ġhan, dan identifika t-tliet kriterji kumulativi li ġejjin biex operazzjoni ta' pproċessar tikkwalifika bħala trasferiment:
 - 1) Kontrollur jew proċessur ("esportatur") huwa soġġett għall-GDPR għall-ipproċessar partikolari.
 - 2) L-esportatur jiżvela permezz ta' trażmissjoni jew inkella jagħmel id-data personali, soġġetta għal dan l-ġalli u l-ġalli minn iż-żebbu, kontrollur konġunt jew proċessur ieħor ("importatur").
 - 3) L-importatur huwa f'pajjiż terz, irrispettivament minn jekk dan l-ġalli u l-ġalli minn iż-żebbu, kontrollur konġunt jew proċessur ieħor ("importatur").
10. F'dan ir-rigward, huwa importanti li jiġi mfakkar li, skont l-Artikolu 3, kemm jekk japplika l-GDPR kif ukoll jekk le, dan dejjem irid jiġi vvalutat fir-rigward ta' ċerta operazzjoni ta' pproċessar minflok fir-rigward ta' entità spċifici (eż-kumpanija)⁹.
11. L-EDPB ifakkuk ukoll li l-applikazzjoni tal-GDPR hija mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjoni jiet tad-dritt internazzjonali, bħal dawk li jirregolaw il-privileġġi u l-immunitajiet ta' missjonijiet diplomatiċi u postijiet konsulari mhux tal-UE, kif ukoll organizzazzjoni jiet internazzjonali (irrispettivament minn fejn jinsabu)¹⁰.

2.1 Kontrollur jew proċessur ("esportatur") huwa soġġett għall-GDPR għall-ipproċessar partikolari

12. L-ewwel kriterju jirrikjedi li l-ipproċessar inkwistjoni jissodisa r-rekwiżiti tal-Artikolu 3 tal-GDPR, jiġifieri li kontrollur jew proċessur ikun soġġett għall-GDPR għall-ipproċessar partikolari. Dan ġie elaborat ulterjorment fil-Linji Gwida 3/2018 tal-EDPB dwar il-kamp ta' applikazzjoni territorjali tal-GDPR (l-Artikolu 3).
13. Ta' min jenfasizza li l-kontrolluri u l-proċessuri, li ma humiex stabbiliti fl-UE, jistgħu jkunu soġġetti għall-GDPR skont l-Artikolu 3(2) għal ipproċessar partikolari u, għalhekk, ikollhom jikkonformaw mal-Kapitolo V meta jittrasferixxu data personali lil kontrollur jew proċessur fl-istess pajjiż terz jew f'pajjiż terz ieħor jew lil organizzazzjoni internazzjonali, filwaqt li jitqies li l-obbligi skont il-GDPR ma humiex

⁹ Ara l-paġna 5 u t-Taqsimiet 1–3 tal-Linji Gwida 3/2018 tal-EDPB dwar il-kamp ta' applikazzjoni territorjali tal-GDPR (l-Artikolu 3).

¹⁰ *Idem*, ara l-paġna 23.

differenti għall-kontrolluri/proċessuri stabbiliti fl-UE u għall-kontrolluri/proċessuri barra mill-UE li l-iproċessar tagħhom jaqa' taħt l-Artikolu 3(2).

14. Jista' jiġi nnotat ukoll li l-GDPR, inkluż il-Kapitolu V, japplika għall-iproċessar tad-data personali mwettaq mill-ambaxxati u l-konsulati tal-Istati Membri tal-UE li jinsabu barra mill-UE peress li tali pproċessar jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-GDPR skont l-Artikolu 3(3)¹¹.

2.2 L-esportatur jiżvela permezz ta' trażmissjoni jew inkella jagħmel id-data personali, soġġetta għal dan l-iproċessar, disponibbli għal kontrollur, kontrollur konġunt, jew proċessur ieħor (“importatur”)

15. It-tieni kriterju jirrikjedi li l-esportatur jiżvela d-data permezz ta' trażmissjoni jew inkella jagħmilha disponibbli għal kontrollur jew proċessur ieħor. Il-kunċetti ta' kontrollur u proċessur ġew iċċarati ulterjorment fil-Linji Gwida 07/2020 tal-EDPB. Wieħed għandu jżomm f'moħħu li l-kunċetti ta' kontrollur, kontrollur konġunt u proċessar huma kunkċetti *funzjonali* fis-sens li għandhom l-għan li jallokaw ir-responsabbiltajiet skont ir-rwoli reali tal-partijiet u l-kunċetti *awtonomi* fis-sens li għandhom jiġi interpretati l-aktar skont il-ligħi tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data. Hija meħtieġa analiżi każ b'każ tal-iproċessar inkwistjoni u r-rwoli tal-atturi involuti¹².
16. Xi eżempji ta' kif id-data personali tista' “ssir disponibbli” huma bil-ħolqien ta' kont, l-għoti ta' drittijiet ta' aċċess għal kont eżistenti, “konferma”/“aċċettazzjoni” ta' talba effettiva għal aċċess remot, l-inkorporazzjoni ta' hard drive jew is-sottomissjoni ta' password għal fajl. Wieħed għandu jżomm f'moħħu li l-aċċess remot minn pajjiż terz (anki jekk iseħħi biss permezz tal-wiri ta' data personali fuq skrin, pereżempju f'sitwazzjonijiet ta' appogġġ, ta' individwazzjoni ta' soluzzjoni jew għal skopijiet ta' amministrazzjoni) u/jew il-ħażin fuq cloud li jinsab barra miż-ŻEE offrut minn fornitur tas-servizz, jitqies ukoll bħala trasferiment, dment li jiġi ssodisfati t-tliet kriterji deskritti fil-paragrafu 9 hawn fuq¹³.
17. Min-naħħa l-oħra, il-Kapitolu V ma japplikax għal “proċessar intern”, jiġifieri meta d-data ma tiġix żvelata permezz ta' trażmissjoni jew issir disponibbli b'mod ieħor lil kontrollur jew lil proċessur ieħor, inkluż meta tali pproċessar isir barra mill-UE¹⁴. F'dan il-każ, il-kontrollur jew il-proċessur jibqa' responsabbli għall-iproċessar, inkluż biex tiġi żgurata l-konformità mad-dispożizzjonijiet u s-salvagħwardji rilevanti kollha tal-GDPR li japplikaw direttament (ara wkoll it-Taqsima 4 hawn taħt), eż. l-awtoritajiet superviżorji taż-ŻEE jistgħu jinfurzaw il-GDPR kontra dawn l-entitajiet u s-suġġetti tad-data jistgħu jiksbu rimedju f'każ ta' ksur tad-drittijiet tagħhom.
18. Barra minn hekk, dan it-tieni kriterju ma jistax jitqies bħala ssodisfat meta ma jkun hemm l-ebda kontrollur jew proċessur li jibgħat jew li jagħmel id-data disponibbli (jiġifieri l-ebda “esportatur”) lil kontrollur jew proċessur ieħor, bħal meta d-data tiġi żvelata direttament mis-suġġett tad-data jistgħu jiksbu rimedju f'każ ta' ksur tad-drittijiet tagħhom.

¹¹ *Idem*, ara l-paġna 22.

¹² Ara l-paġna 9 tal-Linji Gwida 07/2020 tal-EDPB dwar il-kunċetti tal-kontrollur u tal-proċessur fil-GDPR.

¹³ Ara r-Rakkomandazzjonijiet 01/2020 tal-EDPB dwar miżuri li jissupplementaw l-għodod ta' trasferiment biex tiġi żgurata l-konformità mal-livell tal-UE ta' protezzjoni tad-data personali, paġna 11, paragrafu 13 u n-nota 28 f'qiegħ il-paġna.

¹⁴ Dan huwa rifless ukoll fl-aproċċ tal-Artikolu 46 tal-GDPR, li jirreferi għal strumenti ta' trasferiment kuntrattwali/bilateral konkużi bejn entitajiet differenti li jaġixxu bħala kontrolluri jew proċessuri.

¹⁵ Is-suġġett tad-data ma jistax jitqies bħala kontrollur jew proċessur. Dan jirriżulta mill-Artikolu 4(10) tal-GDPR li jiddiġiġ wi bejn il-kontrollur/proċessur u s-suġġett tad-data. Għalhekk, suġġett tad-data li jiżvela d-data personali tiegħi/tagħha ma jistax jitqies bħala “es portatur”. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-fatt li persuna fiż-żi ka tista' tkun kontrollur/proċessur f'konformità mal-Artikolu 4(7) u 4(8) tal-GDPR (eż. bħala persuna li taħdem

Eżempju 1: Kontrollur f'pajjiż terz jiġbor *data* direttament mingħand suġġett tad-*data* fl-UE (skont l-Artikolu 3(2) tal-GDPR)

Maria, li tgħix fl-Italja, iddaħħal isimha, kunjomha u l-indirizz postali tagħha billi timla formola fuq sit web tal-ilbies online sabiex tlesti l-ordni tagħha u tirċievi l-libsa li xtrat online fir-residenza tagħha f'Ruma. Is-sit web tal-ilbies online huwa operat minn kumpanija ta' pajjiż terz li ma għandha l-ebda preżenza fl-UE, iżda għandha s-suq tal-UE speċifikament fil-mira tagħha. F'dan il-każ, is-suġġett tad-*data* (Maria) tgħaddi d-*data* personali tagħha lill-kumpanija ta' pajjiż terz. Dan ma jikkostitwix trasferiment ta' *data* personali peress li d-*data* ma tiġix mgħoddija minn esportatur (kontrollur jew proċessur), iżda tinġabar direttament mis-suġġett tad-*data* mill-kontrollur skont l-Artikolu 3(2) tal-GDPR. Għalhekk, f'dan il-każ, il-Kapitolu V ma japplikax. Madankollu, il-kumpanija ta' pajjiż terz se tkun meħtieġa tapplika l-GDPR peress li l-operazzjonijiet ta' pproċessar tagħha huma soġġetti għall-Artikolu 3(2)¹⁶.

Eżempju 2: Kontrollur f'pajjiż terz jiġbor id-*data* direttament mingħand suġġett tad-*data* fl-UE (skont l-Artikolu 3(2) tal-GDPR) u juża proċessur barra mill-UE għal xi attivitajiet ta' pproċessar

Maria, li tgħix fl-Italja, iddaħħal isimha, kunjomha u l-indirizz postali tagħha billi timla formola fuq sit web tal-ilbies online sabiex tlesti l-ordni tagħha u tirċievi l-libsa li xtrat online fir-residenza tagħha f'Ruma. Is-sit web tal-ilbies online huwa operat minn kumpanija ta' pajjiż terz li ma għandha l-ebda preżenza fl-UE, iżda għandha s-suq tal-UE speċifikament fil-mira tagħha. Sabiex tiproċċessa l-ordnijiet riċevuti permezz tas-sit web, il-kumpanija ta' pajjiż terz involviet proċessur mhux taż-ŻEE. F'dan il-każ, is-suġġett tad-*data* (Maria) tgħaddi d-*data* personali tagħha lill-kumpanija ta' pajjiż terz u dan ma jikkostitwix trasferiment ta' *data* personali peress li d-*data* tinġabar direttament mill-kontrollur skont l-Artikolu 3(2) tal-GDPR. Għalhekk, il-kontrollur sejkollu japplika l-GDPR għall-ipproċċessar ta' din id-*data* personali. Sa fejn jinvolvi proċessur mhux taż-ŻEE, tali żvelar mill-kumpanija ta' pajjiż terz lill-proċessur mhux taż-ŻEE tagħha jikkostitwixxi trasferiment, u se jkun meħtieġ li jiġu applikati l-obbligli tal-Artikolu 28 u tal-Kapitolu V sabiex jiġi żgurat li l-livell ta' protezzjoni mogħti mill-GDPR ma jiddgħajjifx meta d-*data* tiġi pproċessata f'ismiha mill-proċessur mhux taż-ŻEE¹⁷.

Eżempju 3: Kontrollur f'pajjiż terz jirċievi *data* direttament mingħand suġġett tad-*data* fl-UE (iżda mhux skont l-Artikolu 3(2) tal-GDPR) u juża proċessur barra mill-UE għal xi attivitajiet ta' pproċessar

Maria, li tgħix fl-Italja, tiddeċiedi li tibbukkja kamra f'lukanda fi New York permezz ta' formola fuq is-sit web tal-lukanda. Id-*data* personali tinġabar direttament mil-lukanda li ma timmirax/timmonitorjax individwi fiż-ŻEE. F'dan il-każ, ma jseħħi l-ebda trasferiment peress li d-*data* tiġi mgħoddija direttament

għal rasha). Madankollu, dan ma jillimitax il-protezzjoni li l-persuni fiżiċi li jaġixxu bħala kontrollur/proċessur igawdu meta hija kkonċernata d-*data* personali tagħhom stess. Barra minn hekk, huwa importanti li jiġi mfakkar li meta l-ipproċċessar ta' *data* personali jitwetta q "minn persuna fiżika matul attività puramente personali jew fid-dar", tali pproċċessar, f'konformità mal-Artikolu 2(2)(c), jaqa' barra mill-kamp ta' applikazzjoni materjalji tal-GDPR. Fl-aħħar nett, ta' min jinnota li d-*data* personali żvelata permezz ta' cookies ma ti tqiesx bħala żvelata direttament mis-suġġett tad-*data*, iżda minflok bħala traż-żmissjoni mill-operatur tas-sit web li s-suġġett tad-*data* jkun qed iżur.

¹⁶ F'dan ir-rigward, ara l-Premessa 23, li tinkludi elementi li jridu jiġi walutati meta jiġi ddeterminat jekk il-kriterju tal-immirar fl-Artikolu 3(2)(a) tal-GDPR huwiex issodisfat.

¹⁷ Innota li meta l-attivitajiet ta' pproċċessar mill-proċessur ikunu relatati mal-attivitajiet tal-immirar tal-kontrollur, il-proċessur huwa soġġett ukoll għall-Artikolu 3(2) tal-GDPR, ara l-paġna 20–22 tal-Linji Gwida 3/2018 tal-EDPB dwar il-kampta' applikazzjoni territoriali tal-GDPR (l-Artikolu 3).

mis-suġġett tad-data u tinġabar direttament mill-kontrollur. Barra minn hekk, peress li l-lukanda ma twettaq l-ebda attivită ta' mmirar jew ta' monitoraġġ ta' individwi fiż-ŻEE, il-GDPR mhux se jaapplika, inkluż fir-rigward ta' kwalunkwe attivită ta' pproċessar imwettqa minn proċessuri mhux taż-ŻEE f'isem il-lukanda.

Eżempju 4: Data miġbura minn pjattaforma taż-ŻEE u mbagħad tingħadda lil kontrollur ta' pajjiż terz

Maria, li tgħix fl-Italja, tibbukkja kamra f'lukanda fi New York permezz ta' aġenċija tal-ivvjaġġar online taż-ŻEE. Id-data personali ta' Maria, meħtieġa għall-prenotazzjoni tal-lukanda, tinġabar mill-aġenċija tal-ivvjaġġar online taż-ŻEE bħala kontrollur u tintbagħat lil-lukanda li tirċievi d-data bħala kontrollur separat. Filwaqt li tgħaddi d-data personali lil-lukanda ta' pajjiż terz, l-aġenċija tal-ivvjaġġar taż-ŻEE twettaq trasferiment ta' data personali u jaapplika l-Kapitolu V tal-GDPR.

Eżempju 5: Kontrollur fl-UE jibgħat data lil proċessur f'pajjiż terz

Kumpanija X stabbilita fl-Awstrija, li taġixxi bħala kontrollur, tiprovo data personali tal-impjegati jew tal-klijenti tagħha lill-Kumpanija Z f'pajjiż terz, li tiproċessa din id-data bħala proċessur f'isem il-Kumpanija X. F'dan il-każ, id-data tiġi pprovduta minn kontrollur, li fir-rigward tal-ipproċessar inkwistjoni, huwa soġġett għall-GDPR, lil proċessur f'pajjiż terz. Għalhekk, il-forniment ta' data se jitqies bħala trasferiment ta' data personali lejn pajjiż terz u għalhekk jaapplika l-Kapitolu V tal-GDPR.

19. Huwa importanti wkoll li jiġi nnotat li l-Artikolu 44 tal-GDPR jipprevedi b'mod ċar li trasferiment jista' mhux biss jitwettaq minn kontrollur iżda wkoll minn proċessur. Għalhekk, se jkun hemm sitwazzjoni ta' trasferiment meta proċessur (jew skont l-Artikolu 3(1) jew skont l-Artikolu 3(2) għal ipproċessar partikolari, kif spjegat hawn fuq) jibgħat data lil proċessur ieħor jew saħansitra lil kontrollur f'pajjiż terz kif ornat mill-kontrollur tiegħu¹⁸. F'dawn il-każijiet, il-proċessur jaġixxi bħala esportatur tad-data f'isem il-kontrollur u jrid jiġgura li d-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu V jiġu rrispettati għat-trasferiment inkwistjoni skont l-istruzzjonijiet tal-kontrollur, inkluż li tintuża għoddha ta' trasferiment xierqa. Meta jitqies li t-trasferiment huwa attivită ta' pproċessar imwettqa f'isem il-kontrollur, il-kontrollur huwa responsabbi wkoll u jista' jinżamm responsabbi skont il-Kapitolu V, u għandu jiġgura wkoll li l-proċessur jipprevedi garanziji suffiċjenti skont l-Artikolu 28.

Eżempju 6: Proċessur fl-UE jibgħat id-data lura lill-kontrollur tiegħu f'pajjiż terz

XYZ Inc., kontrollur mingħajr stabbiliment fl-UE, tibgħat data personali tal-impjegati/klijenti tagħha, kollha kemm huma suġġetti tad-data li ma jinsabux fl-UE, lill-proċessur ABC Ltd. għall-ipproċessar fl-UE, f'isem XYZ. ABC tittrażżmetti mill-ġdid id-data lil XYZ. L-ipproċessar imwettaq minn ABC, il-proċessur, huwa kopert mill-GDPR għall-obbligli speċifiċi tal-proċessur skont l-Artikolu 3(1), peress li ABC hija stabbilita fl-UE. Peress li XYZ huwa kontrollur f'pajjiż terz, l-iżvelar tad-data minn ABC għal XYZ jitqies bħala trasferiment tad-data personali u għalhekk jaapplika l-Kapitolu V.

¹⁸ L-Artikolu 28(3)(a) tal-GDPR jireferi għall-istruzzjonijiet dokumentati mill-kontrollur “inkluż fir-rigward tat-trasferimenti tad-data personali lil pajjiż terz jew organizzazzjoni internazzjonali”. Ara wkoll il-Klawżola 8.1 tat-tielet Modulu fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/914 tal-4 ta' Ġunju 2021 dwar klawżoli kuntrattawli standard għat-trasferiment ta' data personali lil pajjiżi terzi skont ir-Regolament (UE) 2016/679.

Eżempju 7: Proċessur fl-UE jibgħat data lil sottoproċessur f'pajjiż terz

Kumpanija A stabbilita fil-Ġermanja, li taġixxi bħala kontrollur, involviet lil B, kumpanija Franċiża, bħala proċessur f'isimha. B tixtieq tiddelega ulterjorment parti mill-attivitajiet ta' pproċessar li qed twettaq f'isem A lil sottoproċessur C, kumpanija f'pajjiż terz, u għalhekk li d-data tintbagħat għal dan il-għan lil C. L-ipproċessar imwettaq kemm minn A kif ukoll mill-proċessur B tagħha jitwettaq fil-kuntest tal-istabbilimenti tagħhom fl-UE u għalhekk huwa soġġett għall-GDPR skont l-Artikolu 3(1) tiegħi, filwaqt li l-ipproċessar minn C jitwettaq f'pajjiż terz. Għalhekk, it-trasferiment tad-data mill-proċessur B għas-sottoproċessur C huwa trasferiment lejn pajjiż terz, u jaapplika l-Kapitolu V tal-GDPR.

20. Kif imsemmi fil-paragrafu 17 hawn fuq, it-tieni kriterju jimplika li l-kunċett ta' "trasferiment ta' data personali lejn pajjiż terz jew organizzazzjoni internazzjonali" jaapplika biss għall-iż-velar ta' data personali meta jkunu involuti żewġ partijiet (separati) differenti (kull wieħed minnhom kontrollur, kontrollur konġunt jew proċessur). Sabiex jikkwalifika bħala trasferiment, irid ikun hemm kontrollur jew proċessur li jiżvela d-data (l-esportatur) u kontrollur jew proċessur differenti li jirċievi jew li jingħata aċċess għad-data (l-importatur).

Eżempju 8: Impjegat ta' kontrollur fl-UE jivjaġġa lejn pajjiż terz fuq vjaġġta' negozju

George, impjegat ta' A, kumpanija bbażata fil-Polonja, jivvaġġa lejn pajjiż terz biex jattendi laqgħa filwaqt li jieħu l-laptop miegħu. Matul iż-żjara tiegħu barra mill-pajjiż, George jixgħel il-komputer tiegħu u jaċċessa data personali b'mod remot fuq il-bażiġiet tad-data tal-kumpanija tiegħu biex ilesti memo. Il-fatt li ħa l-laptop u l-fatt li qed jaċċessa data personali b'mod remot minn pajjiż terz, ma jikkwalifikawx bħala trasferiment ta' data personali, minħabba li George ma huwiex kontrollur ieħor, iżda impjegat, u għalhekk parti integrali mill-kontrollur (A)¹⁹. Għalhekk, it-trażmissjoni titwettaq fl-istess kontrollur (A). L-ipproċessar, inklusi l-aċċess remot u l-attivitajiet ta' pproċessar imwettaq minn George wara l-aċċess, jitwettaq mill-kumpanija Pollakka, jiġifieri kontrollur stabbilit fl-Unjoni soġġett għall-Artikolu 3(1) tal-GDPR. Madankollu, jista' jiġi nnotat li f'każ li George, fil-kapaċità tiegħu bħala impjegat ta' A, jibgħat jew jagħmel id-data disponibbi lil kontrollur jew proċessur ieħor fil-pajjiż terz, il-fluss tad-data inkwistjoni jikkostitwixxi trasferiment skont il-Kapitolu V; mill-esportatur (A) fl-UE lil tali importatur fil-pajjiż terz.

21. Għandu jiġi mfakkar ukoll li l-entitajiet li jiffurmaw parti mill-istess grupp korporattiv jistgħu jikkwalifikaw bħala kontrolluri jew proċessuri separati. Konsegwentement, l-iż-velar tad-data bejn l-entitajiet li jappartjenu għall-istess grupp korporattiv (żvelar tad-data intragrupp) jista' jikkostitwixxi trasferimenti ta' data personali²⁰.

Eżempju 9: Sussidjarja (kontrollur) fl-UE tikkondivid id-data mal-kumpanija omm (proċessur) tagħha f'pajjiż terz

Il-Kumpanija Irlandiża X, li hija sussidjarja tal-Kumpanija omm Y f'pajjiż terz, tiżvela data personali tal-impjegati tagħha lill-Kumpanija Y li għandha tinħażen f'bażi ta' data ċentralizzata tar-riżorsi umani mill-kumpanija omm fil-pajjiż terz. F'dan il-każ, il-Kumpanija Irlandiża X tiproċessa (u tiżvela) id-data fil-kapaċità tagħha ta' impjegatur u għalhekk bħala kontrollur, filwaqt li l-kumpanija omm hija proċessur. Il-Kumpanija X hija soġġetta għall-GDPR skont l-Artikolu 3(1) għal dan il-kunċetti ta' kontrollur u l-ġurġi minn il-kumpanija Y.

¹⁹ Ara l-paragrafu 78 tal-Linji Gwi da 07/2020 tal-EDPB dwar il-kunċetti tal-kontrollur u tal-proċessur fil-GDPR.

²⁰ Fir-rigward tal-ipproċessar tad-data fi ħdan grupp ta' kumpaniji, trid tingħata attenzjoni speċjali lill-kwistjoni ta' jekk stabbiliment jistax jaġixxi bħala kontrollur jew proċessur, eż. meta d-data tiġi pproċessata f'isem il-kumpanija omm, ara l-paragrafu 17 tal-Linji Gwi da 07/2020 tal-EDPB dwar il-kunċetti ta' kontrollur u proċessur fil-GDPR.

tinsab f'pajjiż terz. Għalhekk, l-iżvelar jikkwalifika bħala trasferiment lejn pajjiż terz skont it-tifsira tal-Kapitolu V tal-GDPR.

2.3 L-importatur huwa f'pajjiż terz, irrispettivamente minn jekk dan l-importatur huwiex soġġett għall-GDPR għall-ipproċessar partikolari f'konformità mal-Artikolu 3, jew huwiex organizzazzjoni internazzjonali

22. It-tielet kriterju jirrikjedi li l-importatur ikun ġeografikament f'pajjiż terz, iżda irrispettivamente minn jekk l-ipproċessar inkwistjoni jaqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-GDPR, jew huwiex organizzazzjoni internazzjonali.
23. L-EDPB jenfasizza li dan il-kriterju għandu l-għan li jiġura li l-livell ta' protezzjoni tal-persuni fiżiċi għarġant mill-GDPR ma jiddgħajjix meta d-data personali ma tibqax tiġi pproċessata fil-qafas legali taż-ŻEE (ara, f'dan ir-rigward, l-aħħar sentenza tal-Artikolu 44 u l-Premessa 101 tal-GDPR). Dan jista' jseħħi jew minħabba li l-GDPR ma japplikax għall-ipproċessar partikolari jew minħabba li d-data personali, anki jekk l-ipproċessar partikolari jkun soġġett għall-GDPR²¹, tiġi pproċessata minn importatur li jinsab barra miż-ŻEE u għalhekk tista' tkun soġġetta għal oqfsa legali differenti (kunfliegħenti), eż. fir-rigward tal-possibbiltà ta' aċċess sproporzjonat mill-gvern għad-data personali. F'dan il-kuntest, id-diffikultajiet possibbli biex tiġi infurzata l-konformità mal-GDPR u biex jinkiseb rimedju kontra entitajiet li jinsabu barra miż-ŻEE huma wkoll kunsiderazzjonijiet rilevanti.

Eżempju 10: Proċessur fl-UE jibgħat id-data lura lill-kontrollur tiegħu f'pajjiż terz

Kumpanija A, kontrollur mingħajr stabbiliment fl-UE, toffri oġġetti u servizzi lis-suq tal-UE. Il-kumpanija Franċiża B, qiegħda tiproċċesa d-data personali f'isem il-kumpanija A. B tittrażmetti mill-ġdid id-data lil A. L-ipproċessar li jwettaq il-proċessur B huwa kopert mill-GDPR għall-obblighi speċifiċi tal-proċessur skont l-Artikolu 3(1), minħabba li dan iseħħi fil-kuntest tal-attivitajiet tal-istabbiliment tiegħu fl-UE. L-ipproċessar li twettaq A huwa kopert ukoll mill-GDPR, peress li l-Artikolu 3(2) japplika għal A. Madankollu, peress li A tinsab f'pajjiż terz, l-iżvelar ta' data minn B għal A jitqies bħala trasferiment lejn pajjiż terz u għalhekk japplika l-Kapitolu V.

Eżempju 11: Aċċess remot għad-data fl-UE minn proċessura' pajjiż terz li jaġixxi f'isem il-kontrolluri tal-UE

Kumpanija f'pajjiż terz (Kumpanija Z), mingħajr stabbiliment fl-UE, toffri servizzi bħala proċessur lil-kumpaniji fl-UE. Kumpanija Z, li taġixxi bħala proċessur f'isem il-kontrolluri tal-UE, qiegħda taċċessa b'mod remot, eż. għal skopijiet ta' appoġġ, id-data li tinhhaen fl-UE. Peress li l-Kumpanija Z tinsab f'pajjiż terz, tali aċċess remot jirriżulta fi trasferimenti ta' data mill-kontrolluri tal-UE lill-proċessur tagħhom (Kumpanija Z) f'pajjiż terz skont il-Kapitolu V.

24. Sitwazzjoni oħra li ta' min tissemma' f'dan il-kuntest hija meta kontrolluri fl-UE juża proċessur fl-UE soġġett għal leġiżlazzjoni ta' pajjiżi terzi u jkun hemm il-possibbiltà li l-proċessur jirċievi talbiet għal aċċess mill-gvern u, għalhekk, iseħħi trasferiment ta' data personali jekk il-proċessur jaġixxi fuq tali talba. F'tali sitwazzjoni, wieħed għandu jżomm f'moħħu li skont l-Artikolu 28(1) u l-Premessa 81 tal-GDPR, il-kontrolluri jistgħu jużaw biss proċessuri li jipprovdu garanziji suffiċjenti li jittieħdu miżuri

²¹ Kif imsemmi hawn fuq, jekkl-ipproċessar i-nkwistjoni jissodis fax ir-rekwiżi tal-Artikolu 3 tal-GDPR, jiġifieri li l-importatur huwa soġġett għall-GDPR għall-ipproċessar partikolari, għie elaborat ulterjorment fil-Linji Gwida 3/2018 tal-EDPB dwar il-kamp ta' applikazzjoni territorjali tal-GDPR (l-Artikolu 3).

tekniċi u organizzazzjonali li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-GDPR. F'dan il-kuntest, il-GDPR ma jirreferix biss għall-ġħarfien espert u r-riżorsi iżda wkoll għall-affidabbiltà, li jista' jkun hemm dubju dwarha jekk il-proċessur ikun soġġett għal leġiżlazzjoni ta' pajjiż terz li tista' twaqqfu milli jissodisfa l-obbligi tiegħu bħala proċessur. Il-kwistjoni ta' jekk il-proċessur jiprovdix garanziji suffiċjenti tikkonċerna wkoll il-legalità tal-ipproċessar u r-rispett tal-prinċipju tal-integrità u l-kunfidenzjalità li għalihom il-kontrollur huwa responsabbi skont l-Artikolu 5(2) tal-GDPR²².

Eżempju 12: Kontrollur fl-UE juża proċessur fl-UE soġġett għal leġiżlazzjoni ta' pajjiż terz

Il-Kumpanija Daniża X, li taġixxi bħala kontrollur, tinvolfi lill-Kumpanija Y stabbilita fl-UE bħala proċessur f'isimha. Il-Kumpanija Y hija sussidjarja tal-Kumpanija omm Z ta' pajjiż terz. Il-Kumpanija Y qiegħda tipproċessa d-data tal-Kumpanija X eskużiżiżment fl-UE u ma hemm ħadd barra mill-UE, inkluża l-Kumpanija omm Z, li għandha aċċess għad-data. Barra minn hekk, mill-kuntratt bejn il-Kumpanija X u l-Kumpanija Y jirriżulta li l-Kumpanija Y għandha tipproċessa biss id-data personali fuq struzzjonijiet dokumentati mill-Kumpanija X, sakemm ma jkunx meħtieġ li tagħmel dan mil-liġi tal-UE jew tal-Istat Membru li l-Kumpanija Y tkun soġġetta għaliha. Madankollu, il-Kumpanija Y hija soġġetta għal leġiżlazzjoni ta' pajjiż terz b'effett ekstraterritorjali, li f'dan il-każ ifisser li l-Kumpanija Y tista' tirċievi talbiet għall-aċċess minn awtoritajiet ta' pajjiżi terzi. Peress li l-Kumpanija Y ma hijiex f'pajjiż terz (iżda kumpanija tal-UE soġġetta għall-Artikolu 3(1) tal-GDPR), l-iżvelar tad-data mill-Kumpanija kontrollur X lill-Kumpanija proċessur Y ma jikkostitwix trasferiment u l-Kapitolu V tal-GDPR ma jaapplikax. Kif imsemmi, madankollu hemm il-possibbiltà li l-Kumpanija Y tirċievi talbiet għall-aċċess minn awtoritajiet ta' pajjiżi terzi u jekk il-Kumpanija Y tikkonforma ma' tali talba, tali żvelar tad-data jitqies bħala trasferiment skont il-Kapitolu V. Meta l-Kumpanija Y tikkonforma ma' talba bi ksur tal-istruzzjonijiet tal-kontrollur u għalhekk l-Artikolu 28 tal-GDPR, il-Kumpanija Y għandha titqies bħala kontrollur indipendenti ta' dak l-ipproċessar skont l-Artikolu 28(10) tal-GDPR. F'din is-sitwazzjoni, il-Kumpanija kontrollur X għandha, qabel ma tinvolfi lill-proċessur, tivvaluta dawn iċ-ċirkostanzi sabiex tiżgura li, kif meħtieġ mill-Artikolu 28 tal-GDPR, tuża biss proċessuri li jiprovd garanziji suffiċjenti biex jiġi implementati miżuri tekniċi u organizzazzjonali xierqa sabiex l-ipproċessar ikun konformi mal-GDPR, inkluż il-Kapitolu V, kif ukoll biex jiġi żgurat li jkun hemm kuntratt jew att legali li jirregola l-ipproċessar mill-proċessur.

3 KONSEGWENZI F'KAŻ LI JSEĦĦ TRASFERIMENT TA' DATA PERSONALI

25. Jekk jiġi ssodisfati l-kriterji kollha kif identifikati mill-EDPB, ikun hemm "trasferment lejn pajjiż terz jew organizzazzjoni internazzjonali". Għalhekk, trasferiment jimplika li d-data personali tintbagħha jew issir disponibbli minn kontrollur jew proċessur (esportatur) li, fir-rigward tal-ipproċessar partikolari, ikun soġġetta għall-GDPR skont l-Artikolu 3, lil kontrollur jew proċessur (importatur) differenti f'pajjiż terz, irrispettivament minn jekk dan l-importatur huwiex soġġett għall-GDPR fir-rigward tal-ipproċessar partikolari, jew għal organizzazzjoni internazzjonali.
26. B'konsegwenza ta' dan, l-esportatur jeħtieġ li jikkonforma mal-kundizzjonijiet tal-Kapitolu V u jeħtieġ li jfassal it-trasferiment billi juża wieħed mill-istumenti li għandhom l-għan li jipproteġu d-data personali wara li tkun għiet it-trasferita lejn pajjiż terz jew organizzazzjoni internazzjonali.

²² Ara wkoll il-paragrafi 119–120 tal-Linji Gwida 07/2020 tal-EDPB dwar il-kunċetti ta' kontrollur u proċessur fil-GDPR.

27. Dawn l-strumenti jinkludu deċiżjoni ta' adegwatezza adottata mill-Kummissjoni Ewropea li tirrikonoxxi l-eżiżenza ta' livell adegwat ta' protezzjoni fil-pajjiż terz jew fl-organizzazzjoni internazzjonali li lilha tiġi ttrasferita d-data (l-Artikolu 45) jew, fin-nuqqas ta' tali livell adegwat ta' protezzjoni, l-implimentazzjoni mill-esportatur (kontrollur jew proċessur) ta' salvagwardji xierqa kif previst fl-Artikolu 46²³. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 49, id-data personali tista' tiġi ttrasferita lejn pajjiż terz jew organizzazzjoni internazzjonali mingħajr l-eżiżenza ta' livell adegwat ta' protezzjoni jew l-implimentazzjoni ta' salvagwardji xierqa f'sitwazzjonijiet speċifiċi u taħt ċerti kundizzjonijiet²⁴.
28. It-tipi ewlenin ta' strumenti ta' trasferiment elenkti fl-Artikolu 46 huma:
- Klawżoli Kuntrattwali Standard (SCCs);
 - Regoli Korporattivi Vinkolanti (BCRs);
 - Kodiċijiet ta' kondotta²⁵;
 - Mekkaniżmi ta' certifikazzjoni²⁶;
 - Klawżoli kuntrattwali *ad hoc*;
 - Ftehimiet internazzjonali/Arranġamenti amministrattivi²⁷.
29. Il-kontenut tas-salvagwardji previsti mill-strumenti ta' trasferiment jeħtieġ li jiġi adattat skont is-sitwazzjoni. Bħala eżempju, il-garanziji li għandhom jiġu pprovduti għal trasferiment ta' *data* personali minn proċessur ma humiex l-istess bħal dawk li għandhom jiġu pprovduti għal trasferiment minn kontrollur²⁸. Bi-istess mod, għal trasferiment ta' *data* personali lil kontrollur jew proċessur f'pajjiż terz li digħi huwa soġġett għall-GDPR għall-ipproċessar partikolari, għandu jiġi nnotat li l-GDPR digħi jaapplika fl-intier tiegħi. Għalhekk, għal tali xenarju, meta jiġu żviluppati strumenti ta' trasferiment rilevanti skont l-Artikolu 46, jiġifieri klawżoli kuntrattwali standard²⁹ jew klawżoli kuntrattwali *ad hoc*,³⁰

²³ F'dan il-kuntest, ara wkoll i-Rakkmandazzjonijiet 01/2020 tal-EDPB dwar mi żuri li jissupplimentaw għodod ta' trasferiment biex tiġi żgurata l-konformità mal-livell tal-UE ta' protezzjoni tad-data personali.

²⁴ Ara l-Linji Gwida 2/2018 tal-EDPB dwar id-derogi tal-Artikolu 49 skont ir-Regolament 2016/679.

²⁵ L-EDPB addotta l-Linji Gwida 04/2021 dwar il-Kodiċijiet ta' Kondotta bħala għodod għat-trasferimenti.

²⁶ L-EDPB addotta l-Linji Gwida 07/2022 dwar iċ-Ċertifikazzjoni bħala għoddha għat-trasferimenti.

²⁷ L-EDPB addotta l-Linji Gwida 2/2020 dwar l-Artikoli 46(2)(a) u 46(3)(b) tar-Regolament 2016/679 għal trasferimenti ta' *data* personali bejn awtoritatjiet u korpi pubbliċi ta-ż-ŻEE u mhux ta-ż-ŻEE.

²⁸ Ara eż. is-salvagwardji differenti fil-Modulu 1 u fil-Modulu 3 tal-Anness tad-Deċiżjoni ta' l-Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/914 tal-4 ta' Ġunju 2021 dwar klawżoli kuntrattwali standardgħat-trasferiment ta' *data* personali lil pajjiżi terzi skont ir-Regolament (UE) 2016/679 (id-“Deċiżjoni ta' l-Implimentazzjoni”).

²⁹ Il-klawżoli kuntrattwali standard (SCCs) adottati mill-Kummissjoni Ewropea fl-4 ta' Ġunju 2021, skont l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni ta' l-Implimentazzjoni, jipprovdu salvagwardji xierqa għat-trasferimenti minn esportaturi ta' *data* personali soġġetti għall-GDPR lil importaturi li l-ipproċessar tagħhom tad-data ma huwiex soġġett għall-GDPR. Innata li dan jikkonċerna l-kamp ta' applikazzjoni tal-SCCs u ma jinterpretax il-kunċett ta' trasferiment skont il-Kapitolu Vtal-GDPR.

³⁰ Innata li skont l-Artikolu 40(3), il-kodiċijiet ta' kondotta jistgħu jiġu rispettati mill-kontrolluri jew mill-proċessuri *li ma humiex soġġetti għall-GDPR* sabiex jiġu pprovduti salvagwardji xierqa skont l-Artikolu 46(2)(e). Bi-istess mod, skont l-Artikolu 42(2), jistgħu jiġu stabbiliti mekkaniżmi ta' ċertifikazzjoni, siġilli jew marki sabiex tintwera l-eżiżenza ta' salvagwardji xierqa skont l-Artikolu 46(2)(f) ipprovdu minn kontrolluri jew proċessuri li *ma humiex soġġetti għall-GDPR*. Din hija r-raġuni għaliex l-EDPB, bħalissa, identifika l-SCCs u l-klawżoli *ad hoc* bħala l-għodod ta' trasferiment disponibbi u l-aktar rilevanti għall-fluissi ta' d-data l-ill-importaturi soġġetti għall-GDPR. Minkejja dan, il-kodiċi ta' kondotta u ta' ċertifikazzjonijiet għandhom rwoli importanti bħala għodod għall-kontrolluri u għall-proċessuri biex jiżgħaraw u juru l-konformità mal-GDPR fir-rigward tal-operazzjonijiet ta' pproċessar li jaqgħu taħt il-GDPR skont l-Artikolu 3. Bħala tali, tista' titqies l-aderenza maż-żeww tipi ta' strumenti meta d-data personali tiġi ttrasferita l-il-kontrollur jew proċessur f'pajjiż terz soġġett għall-GDPR.

għandha titqies is-sitwazzjoni tal-Artikolu 3 sabiex ma jiġux idduplikati l-obbligi tal-GDPR iżda pjuttost biex jiġu indirizzati l-elementi li huma relatati speċifikament mar-riskji assoċjati mal-importatur li jkun jinsab f'pajjiż terz, eż. biex jiġu indirizzati l-liġijiet nazzjonali kunfliġġenti possibbi u l-aċċess tal-gvern fil-pajjiż terz, kif ukoll id-diffikultà li jiġi infurzat u jinkiseb rimedju kontra entità barra mill-UE. Tali strumenti għandhom, pereżempju, jindirizzaw il-miżuri li għandhom jittieħdu f'każ ta' kunflitt tal-liġijiet bejn il-leġiżlazzjoni ta' pajjiż terzi u l-GDPR u fil-każ ta' talbiet ta' pajjiżi terzi għall-iż-żewġ tad-data. L-EDPB jinkoragħixxi u huwa lest li jikkoopera fl-iżvilupp ta' strument ta' trasferiment, bħal sett ġdid ta' klawżoli kuntrattwali standard skont l-Artikolu 46(2)(c), f'każiżiet meta l-importatur ikun soġġett għall-GDPR għall-ipproċessar partikolari. L-EDPB jieħu nota tal-fatt li l-Kummissjoni Ewropea indikat li qiegħda fil-proċess li tiżviluppa sett addizzjonali ta' klawżoli kuntrattwali standard għal dan ix-xenarju li se jqis ir-rekwiżiti li digħi jaapplikaw direttament għal dawk il-kontrolluri u l-proċessuri skont il-GDPR³¹.

30. Min-naħħa l-oħra, jekk il-kriterji kif identifikati mill-EDPB ma jiġux issodisfati, ma jkun hemm l-ebda trasferiment u l-Kapitolu V tal-GDPR ma jaapplikax.

4 SALVAGWARDJI LI JRIDU JIĠU PPROVDUTI JEKK ID-DATA PERSONALI TIĠI PPROċESSATA BARRA MIŻ-ŻEE IŻDA MA JSEĦĦ L-EBDA TRASFERIMENT

31. Fid-dawl tal-kriterji identifikati hawn fuq, jekk l-istess kontrollur jew proċessur ikun qed jipproċessa d-data barra mill-UE mingħajr ma jippubblika lil kontrollur jew proċessur ieħor (eż. meta impiegat ta' kontrollur tal-UE jivvjaġġa barra mill-pajjiż ujkollu aċċess għad-data ta' dak il-kontrollur waqt li jkun f'pajjiż terz jew fil-każ ta' ġbir dirett minn individwi fl-UE skont l-Artikolu 3(2) tal-GDPR), l-attività tal-ipproċessar ma għandhiex titqies bħala trasferiment skont l-Kapitolu V tal-GDPR. Madankollu, f'dan il-kuntest, wieħed għandu jżomm f'moħħu li l-kontrollur irid jikkonforma mal-GDPR u jibqa' responsabbli għall-attivitàajiet ta' pproċessar tiegħi, irrispettivamente minn fejn iseħħu. Dan ifisser ukoll li l-kontrollur jew il-proċessur għandu jagħti attenzjoni partikolari lill-oqfsa ġuridiċi tal-pajjiż terz li jista' jkollhom impatt fuq il-kapaċitā tiegħi li jirrispetta l-GDPR. Tabilħaqq, għalkemm ċerta trażmissjoni tad-data tista' ma tikkwalifikax bħala trasferiment lejn pajjiż terz skont l-Kapitolu V tal-GDPR, inkluż ix-xenarju deskrift fl-Eżempju 8, tali pproċessar xorta jista' jkun assoċjat ma' riskji akbar minħabba li jseħħ barra mill-UE, pereżempju minħabba li ġiġi nazzjonali kunfliġġenti jew aċċess sproporzjonat mill-gvern f'pajjiż terz. Dawn ir-riskji jridu jitqiesu meta jittieħdu miżuri biex tiegħi żgurata l-konformità mal-GDPR, inkluż skont l-Artikolu 5 ("Prinċipi relatai mal-ipproċessar ta' data personali"), l-Artikolu 24 ("Responsabbiltà tal-kontrollur"), 32 ("Sigurtà tal-ipproċessar"), 33 ("Notifika ta' ksur ta' data personali"), 35 ("Valutazzjoni tal-Impatt fuq il-Protezzjoni tad-Data"), 48 ("Trasferimenti jew żvelar mhux awtorizzati mid-dritt tal-Unjoni") eċċ.
32. B'segwitu għall-obbligu tiegħi li jkun responsabbli għal, u jkun jista' juri konformità mal-prinċipi tal-protezzjoni tad-data (l-Artikolu 5) u li jimplimenta miżuri tekniċi u organizzazzjonali filwaqt li jqis, fost l-oħrajn, ir-riskji fir-rigward tal-ipproċessar skont l-Artikolu 32 tal-GDPR, kontrollur jista' jikkonkludi sew li huma meħtieġa miżuri estensivi ta' sigurtà – jew saħansitra li ma jkunx legali – li titwettaq jew li ssir operazzjoni speċifika ta' pproċessar f'pajjiż terz għalkemm ma jkun hemm l-ebda sitwazzjoni ta' trasferiment. F'sitwazzjoni ta' trasferiment, ladarba ma jkunx jista' jiġi garantit livell essenzjalment ekwivalenti ta' protezzjoni, il-QĠUE fl-aħħar mill-aħħar titlob li t-trasferiment jiġi sospiż jew

³¹ Ara https://ec.europa.eu/info/law/law-topic/data-protection/international-dimension-data-protection/new-standard-contractual-clauses-questions-and-answers-overview_en.

jitwaqqaf³². F'dan ir-rigward, il-Qorti tiffoka fuq ir-riskji li operazzjoni speċifika ta' pproċessar tinvolvi minħabba d-dimensjoni transfruntiera tagħha. Dawn ir-rekwiżiti huma wkoll ta' rilevanza meta jiġu vvalutati sitwazzjonijiet ligħandhom riskji simili (għalkemm ma humiex meqjusa bħala trasferimenti),³³ eż. fir-rigward ta' aċċess sproporzjonat tal-gvern minn awtoritajiet ta' pajjiżi terzi. Pereżempju, kontrollur jista' jikkonkludi li l-impjegati ma jistgħux jieħdu l-laptops magħhom eċċ. Iejn ċerti pajjiżi terzi. F'dan il-kuntest, u kif imsemmi hawn fuq, għandu jiġi enfasizzat li malli d-data tiġi żvelata permezz ta' trażmissjoni jew inkella ssir disponibbli għal kontrollur jew proċessur ieħor (li jkun ukoll awtorità pubblika) fil-pajjiż terz (pereżempju minn impjegat fuq vjaġġ ta' negozju), il-fluss tad-data inkwistjoni jikkostitwixxi trasferiment skont il-Kapitolu V.

33. Barrà minn hekk, meta kontrollur ikollu l-ħsieb li jipproċessa *data* personali barra mill-UE (għalkemm ma jseħħi l-ebda trasferiment), din l-informazzjoni għandha, bħala regola, tiġi pprovduta lill-individwi bħala parti mill-obbligi ta' trasparenza tal-kontrollur, eż. biex tiġi żgurata l-konformità mal-prinċipju tat-trasparenza u l-ġustizzja, li jirrikjedi wkoll li l-kontrolluri jinfurmaw lill-individwi dwar ir-riskji fir-rigward tal-ipproċessar³⁴.
34. Fil-qosor, il-kontrolluri u l-proċessuri li l-ipproċessar tagħhom huwa soġġett għall-GDPR huma responsabbli għall-attivitajiet kollha ta' pproċessar tagħhom, irrispettivament minn fejn iseħħu, u l-ipproċessar tad-data f'pajjiżi terzi jista' jinvolvi riskji akbar, inkluż fir-rigward ta' aċċess sproporzjonat tal-gvern, li jeħtieġ li jiġi identifikat u indirizzat b'attenzjoni sabiex tali pproċessar ikun legali skont il-GDPR. L-EDPB se jivaluta l-ħtieġa li tinħareġ gwida addizzjonali dwar is-salvagwardji f'dan ir-rigward.

³² Ara s-Sentenza tal-QGħad tas-16 ta' Lulju 2020, Data Protection Commissioner vs Facebook Ireland Limited u Maximilian Schrems, C-311/18, EU:C:2020:559, il-punt 135.

³³ Jista' jiġi nnotat li l-istatus ta' adegwatezza ta' ġertu pajjiż terz ikun ukoll ta' rilevanza f'tali valutazzjoni.

³⁴ Ara l-Premessi 39 u 60 tal-GDPR u l-Linji Gwida tad-WP29 dwar it-Trasparenza skont ir-Regolament 2016/679 (wp260rev.01), il-paragrafu 10.



ANNESS: ILLUSTRAZZJONIJIET TAL-EŻEMPJI 1-12




Data flow
Not considered as data transfer

Data transfer
Chapter V GDPR

GDPR Articles and Chapters




EU / EEA area and limits




Eżempju 1: Kontrollur f'pajjiż terz jiġbor *data* direttament mingħand suġġett tad-*data* fl-UE (skont I-Artikolu 3(2) tal-GDPR)

Maria, li tgħix fl-Italja, iddaħħal isimha, kunjomha u l-indirizz postali tagħha billi timla formola fuq sit web tal-ilbies online sabiex tlesti l-ordni tagħha u tirċievi l-libsa li xtrat online fir-residenza tagħha f'Ruma. Is-sit web tal-ilbies online huwa operat minn kumpanija ta' pajjiż terz li ma għandha l-ebda preżenza fl-UE, iżda għandha s-suq tal-UE spċifikament fil-mira tagħha. F'dan il-każ, is-suġġett tad-*data* (Maria) tgħaddi d-*data* personali tagħha lill-kumpanija ta' pajjiż terz. Dan ma jikkostitwix trasferiment ta' *data* personali peress li d-*data* ma tigħix mgħoddija minn esportatur (kontrollur jew proċessur), iżda tinġabar direttament mis-suġġett tad-*data* mill-kontrollur skont I-Artikolu 3(2) tal-GDPR. Għalhekk, il-Kapitolu V ma japplikax għal dan il-każ. Madankollu, il-kumpanija ta' pajjiż terz se tkun meħtieġa tapplika l-GDPR peress li l-operazzjonijiet ta' pproċessar tagħha huma soġġetti għall-Artikolu 3(2).




Eżempju 2: Kontrollur f'pajjiż terz jiġbor id-*data* direttament mingħand suġġett tad-*data* fl-UE (skont I-Artikolu 3(2) tal-GDPR) u juża proċessur barra mill-UE għal xi attivitajiet ta' pproċessar

Maria, li tgħix fl-Italja, iddaħħal isimha, kunjomha u l-indirizz postali tagħha billi timla formola fuq sit web tal-ilbies online sabiex tlesti l-ordni tagħha u tirċievi l-libsa li xtrat online fir-residenza tagħha f'Ruma. Is-sit web tal-ilbies online huwa operat minn kumpanija ta' pajjiż terz li ma għandha l-ebda preżenza fl-UE, iżda għandha s-suq tal-UE spċifikament fil-mira tagħha. Sabiex tipproċessa l-ordnijiet riċevuti permezz tas-sit web, il-kumpanija ta' pajjiż terz involviet proċessur mhux taż-ŻEE. F'dan il-każ, is-suġġett tad-*data* (Maria) tgħaddi d-*data* personali tagħha lill-kumpanija ta' pajjiż terz. Dan ma jikkostitwix trasferiment ta' *data* personali peress li d-*data* tinġabar direttament mill-kontrollur skont I-Artikolu 3(2) tal-GDPR. Għalhekk, il-kontrollur sejkollu japplikka l-GDPR għall-ipproċessar ta' din id-*data* personali. Sa fejn jinvolvi proċessur mhux taż-ŻEE, tali żvelar mill-kumpanija ta' pajjiż terz lill-proċessur mhux taż-ŻEE tagħha jikkostitwixxi trasferiment, u se jkun meħtieġ li jiġu applikati l-obbligli tal-Artikolu 28 u tal-Kapitolu V sabiex jiġi żgurat li l-livell ta' protezzjoni mogħti mill-GDPR ma jiddgħajnej fix meta d-*data* tiġi pproċessata f'isimha mill-proċessur mhux taż-ŻEE.




Eżempju 3: Kontrollur f'pajjiż terz jirċievi *data* direttament mingħand suġġett tad-data fl-UE (iżda mhux skont l-Artikolu 3(2) tal-GDPR) u juża proċessur barra mill-UE għal xi attivitajiet ta' pproċessar

Maria, li tgħix fl-Italja, tiddeċiedi li tibbukkja kamra f'lukanda fi New York permezz ta' formola fuq is-sit web tal-lukanda. Id-data personali tinġabar direttamente mill-lukanda li ma timmirax/timmonitorjax individwi fiż-ŻEE. F'dan il-każ, ma jseħħi l-ebda trasferiment peress li d-data tiġi mgħoddija direttamente mis-suġġett tad-data u tinġabar direttamente mill-kontrollur. Barra minn hekk, peress li l-lukanda ma twettaql-l-ebda attivitā ta' mmirar jew ta' monitoraġġ ta' individwi fiż-ŻEE, il-GDPR mhux se japplika, inkluż fir-rigward ta' kwalunkwe attivitā ta' pproċessar imwettqa minn proċessuri mhux taż-ŻEE f'isem il-lukanda.




Eżempju 4: Data miġbura minn pjattaforma taż-ŻEE u mbagħad tingħadda lil kontrollur ta' pajjiż terz

Maria, li tgħix fl-Italja, tibbukkja kamra f'lukanda fi New York permezz ta' aġenċija tal-ivvjaġġar online taż-ŻEE. Id-data personali ta' Maria, meħtieġa għall-prenotazzjoni tal-lukanda, tinġabar mill-aġenċija tal-ivvjaġġar online taż-ŻEE bħala kontrollur u tintbagħha lil-lukanda li tirċievi d-data bħala kontrollur separat. Filwaqt li tgħaddi d-data personali lil-lukanda ta' pajjiż terz, l-aġenċija tal-ivvjaġġar taż-ŻEE twettaq trasferiment ta' *data* personali u japplika l-Kapitolu V tal-GDPR.




Eżempju 5: Kontrollur fl-UE jibgħat data lil proċessur f'pajjiż terz

Kumpanija X stabbilita fl-Awstria, li taġixxi bħala kontrollur, tiprovd data personali tal-impiegati jew tal-klienti tagħha lill-Kumpanija Z f'pajjiż terz, li tipproċċesa din id-data bħala proċessur f'isem il-Kumpanija X. F'dan il-każ, id-data tiġi pprovdu minn kontrollur li, fir-rigward tal-ipproċċesar inkwistjoni, ikun soġġett għall-GDPR, lil proċessur f'pajjiż terz. Għalhekk, il-forniment ta' data se jitqies bħala trasferiment ta' data personali lejn pajjiż terz u għalhekk japplika I-Kapitolo V tal-GDPR.




Eżempju 6: Proċessur fl-UE jibgħat id-data lura lill-kontrollur tiegħi f'pajjiż terz

XYZ Inc., kontrollur mingħajr stabbiliment fl-UE, tibgħat data personali tal-impiegati/klienti tagħha, kollha kemm huma suġġetti tad-data li ma jinsabux fl-UE, lill-proċessur ABC Ltd. għall-ipproċċesar fl-UE, f'isem XYZ. ABC tittrażżmetti mill-ġdid id-data lil XYZ. L-ipproċċesar imwettaq minn ABC, il-proċessur, huwa kopert mill-GDPR għall-obbligli speċifiċi tal-proċessur skont I-Artikolu 3(1), peress li ABC hija stabbilita fl-UE. Peress li XYZ huwa kontrollur f'pajjiż terz, l-iżvelar tad-data minn ABC għal XYZ jitqies bħala trasferiment tad-data personali u għalhekk japplika I-Kapitolo V.



Eżempju 7: Proċessur fl-UE jibgħat data lil sottoproċessur f'pajjiż terz


Kumpanija A stabbilita fil-Ġermanja, li taġixxi bħala kontrollur, involviet lil B, kumpanija Franċiża, bħala proċessur f'isimha. B tixtieq tiddelega ulterjorment parti mill-attivitàajiet ta' pproċessar li qed twettaq f'isem A lil sottoproċessur C, kumpanija f'pajjiż terz, u għalhekk li d-data tintbagħha għal dan il-għan lil C. L-iproċessar imwettaq kemm minn A kif ukoll mill-proċessur B tagħha jitwettaq fil-kuntest tal-istabbilimenti tagħhom fl-UE u għalhekk huwa soġġett għall-GDPR skont l-Artikolu 3(1) tiegħi, filwaqt li l-iproċessar minn C jitwettaq f'pajjiż terz. Għalhekk, it-trasferiment tad-data mill-proċessur B għas-sottoproċessur C huwa trasferiment lejn pajjiż terz, u japplika l-Kapitolu V tal-GDPR.



Eżempju 8.1: Impjegat ta' kontrollur fl-UE jivvjaġġa lejn pajjiż terz fuq vjaġġta' negozju


George, impjegat ta' A, kumpanija bbażata fil-Polonja, jivvjaġġa lejn pajjiż terz biex jattendi laqgħa filwaqt li jieħu l-laptop miegħu. Matul iż-żjara tiegħi barra mill-pajjiż, George jixgħel il-kompjuter tiegħi u jaċċessa data personali b'mod remot fuq il-bażżejjiet tad-data tal-kumpanija tiegħi biex ilesti memo. Il-fatt li ħa l-laptop u l-fatt li qed jaċċessa data personali b'mod remot minn pajjiż terz, ma jikkwalifikaw bħala trasferiment ta' data personali, minħabba li George ma huwiex kontrollur ieħor, iżda impjegat, u għalhekk parti integrali mill-kontrollur (A). Għalhekk, it-trażmissjoni titwettaq fl-istess kontrollur (A). L-iproċessar, inklużi l-aċċess remot u l-attivitàajiet ta' pproċessar

imwettqa minn George wara l-aċċess, jitwettqu mill-kumpanija Pollakka, jiġifieri kontrollur stabbilit fl-Unjoni soġġett għall-Artikolu 3(1) tal-GDPR.



Eżempju 8.2: Impjegat ta' kontrollur fl-UE jivvjaġġa lejn pajjiż terz fuq vjaġġta' negoju


George, impjegat ta' A, kumpanija bbażata fil-Polonja, jivvjaġġa lejn pajjiż terz biex jattendi laqgħa filwaqt li jieħu l-laptop miegħu. Matul iż-żara tiegħu barra mill-pajjiż, George jixgħel il-kompjuter tiegħu u jaċċessa *data* personali b'mod remot fuq il-bażżejjiet tad-data tal-kumpanija tiegħu biex ilesi memo. Il-fatt li ħa l-laptop u l-fatt li qed jaċċessa *data* personali b'mod remot minn pajjiż terz, ma jikkwalifikawx bħala trasferiment ta' *data* personali, minħabba li George ma huwiex kontrollur ieħor, iżda impjegat, u għalhekk parti integrali mill-kontrollur (A). Għalhekk, it-trażmissjoni titwettaq fl-istess kontrollur (A). L-iproċessar, inkużi l-aċċess remot u l-attivitàajiet ta' pproċessar imwettqa minn George wara l-aċċess, jitwettqu mill-kumpanija Pollakka, jiġifieri kontrollur stabbilit fl-Unjoni soġġett għall-Artikolu 3(1) tal-GDPR. Madankollu, jista' jiġi nnotat li f'każ li George, fil-kapaċità tiegħu bħala impjegat ta' A, jibgħat jew jagħmel id-data disponibbli lil kontrollur jew proċessur ieħor fil-pajjiż terz, il-fluss tad-data inkwistjoni jikkostitwixxi trasferiment skont il-Kapitolu V; mill-esportatur (A) fl-UE lil tali importatur fil-pajjiż terz.



Eżempju 9: Sussidjarja (kontrollur) fl-UE tikkondivid id-data mal-kumpanija omm (proċessur) tagħha f'pajjiż terz


Il-Kumpanija Irlandiża X, li hija sussidjarja tal-Kumpanija omm Y f'pajjiż terz, tiżvela *data* personali tal-impjegati tagħha lill-Kumpanija Y li għandha tinħażen f'bażi ta' *data* ċentralizzata tar-riżorsi umani mill-kumpanija omm fil-pajjiż terz. F'dan il-każ, il-Kumpanija Irlandiża X tiproċċessa (u tiżvela) id-data fil-kapaċità tagħha ta' impjegatur u għalhekk bħala kontrollur, filwaqt li l-kumpanija omm hija proċessur. Il-Kumpanija X hija soġġetta għall-GDPR skont l-Artikolu 3(1) għal-

dan l-iproċessar u l-Kumpanija Y tinsab f'pajjiż terz. Għalhekk, l-iżvelar jikkwalifika bħala trasferiment lejn pajjiż terz skont it-tifsira tal-Kapitolu V tal-GDPR.




Eżempju 10: Proċessur fl-UE jibgħat id-data lura lill-kontrollur tiegħu f'pajjiż terz

Kumpanija A, kontrollur mingħajr stabbiliment fl-UE, toffri oġġett i servizzi lis-suq tal-UE. Il-kumpanija Franċiża B, qiegħda tipproċessa d-data personali f'isem il-kumpanija A. B tittrażmetti mill-ġdid id-data lil A. L-ipproċessar li jwettaq il-proċessur B huwa kopert mill-GDPR għall-obbligli spċifici tal-proċessur skont l-Artikolu 3(1), minħabba li dan isehħi fil-kuntest tal-aktivitajiet tal-istabbiliment tiegħu fl-UE. L-ipproċessar li twettaq A huwa kopert ukoll mill-GDPR, peress li l-Artikolu 3(2) japplika għal A. Madankollu, peress li A tinsab f'pajjiż terz, l-iżvelar ta' data minn B għal A jitqies bħala trasferiment lejn pajjiż terz u għalhekk japplika l-Kapitolu V.



Eżempju 11: Aċċess remot għad-d-data fl-UE minn proċessur ta' pajjiż terz li jaġixxi f'isem il-kontrolluri tal-UE

Kumpanija f'pajjiż terz (Kumpanija Z), mingħajr stabbiliment fl-UE, toffri servizzi bħala proċessur lil kumpaniji fl-UE. Kumpanija Z, li taġixxi bħala proċessur f'isem il-kontrolluri tal-UE, qiegħda taċċessa b'mod remot, eż. għal skopijiet ta' appoġġ, id-data li tinħażen fl-UE. Peress li l-Kumpanija Z tinsab f'pajjiż terz, tali aċċess remot jirriżulta fi trasferimenti ta' data mill-kontrolluri tal-UE lill-proċessur tagħhom (Kumpanija Z) f'pajjiż terz skont il-Kapitolu V.



Eżempju 12: Kontrollur fl-UE juża proċessur fl-UE soġġett għal leġiżlazzjonita' pajjiż terz

Il-Kumpanija Daniża X, li taġixxi bħala kontrollur, tinvolfi lill-Kumpanija Y stabbilita fl-UE bħala proċessur f'isimha. Il-Kumpanija Y hija sussidjarja tal-Kumpanija omm Z ta' pajjiż terz. Il-Kumpanija Y qiegħda tipproċessa d-data tal-Kumpanija X eskużiżiament fl-UE u ma hemm ħadd barra mill-UE, inkluża I-Kumpanija omm Z, li għandha aċċess għad-data. Barra minn hekk, mill-kuntratt bejn il-Kumpanija X u I-Kumpanija Y jirriżulta li I-Kumpanija Y għandha tipproċessa biss id-data personali fuq struzzjonijiet dokumentati mill-Kumpanija X, sakemm ma jkunx meħtieġ li tagħmel dan milliġi tal-UE jew tal-Istat Membru li I-Kumpanija Y tkun soġġetta għaliha. Madankollu, il-Kumpanija Y hija soġġetta għal leġiżlazzjonita' pajjiż terz b'effett ekstraterritorjali, li f'dan il-każ ifisser li I-Kumpanija Y tista' tirċievi talbiet għall-aċċess minn awtoritajiet ta' pajjiżi terzi. Peress li I-Kumpanija Y ma hijiex f'pajjiż terz (iżda kumpanija tal-UE soġġetta għall-Artikolu 3(1) tal-GDPR), I-żvelar tad-data mill-Kumpanija kontrollur X lill-Kumpanija proċessur Y ma jikkostitwix trasferiment u l-Kapitolu V tal-GDPR ma japplikax. Kif imsemmi, madankollu hemm il-possibbiltà li I-Kumpanija Y tirċievi talbiet għall-aċċess minn awtoritajiet ta' pajjiżi terzi u jekk il-Kumpanija Y tikkonforma ma' tali talba, tali żvelar tad-data jitqies bħala trasferiment skont il-Kapitolu V. Meta I-Kumpanija Y tikkonforma ma' talba bi ksur tal-istruzzjonijiet tal-kontrollur u għalhekk I-Artikolu 28 tal-GDPR, il-Kumpanija Y għandha titqies bħala kontrollur indipendenti ta' dak l-ipproċessar skont I-Artikolu 28(10) tal-GDPR. F'din is-sitwazzjoni, il-Kumpanija kontrollur X għandha, qabel ma tinvolfi lill-proċessur, tivvaluta dawn iċ-ċirkostanzi sabiex tiżgura li, kif meħtieġ mill-Artikolu 28 tal-GDPR, tuża biss proċessuri li jipprovdu garanziji suffiċċenti biex jiġi implementati miżuri tekniċi u organizzazzjonali xierqa sabiex l-ipproċessar ikun konformi mal-GDPR, inkluż il-Kapitolu V, kif ukoll biex jiġi żgurat li jkun hemm kuntratt jew att legali li jirregola l-ipproċessar mill-proċessur.